

## **Mistoqsija għal tweġiba orali O-000134/2012**

### **lill-Kummissjoni**

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

**Michael Theurer, Silvia-Adriana Țicău, Ioan Enciu, Vasilica Viorica Dăncilă, Cătălin Sorin Ivan, Corina Crețu, Daciana Octavia Sârbu, Victor Boștinăru, Ivailo Kalfin, Ioan Mircea Pașcu, George Sabin Cutaș, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Ismail Ertug, Olga Sehnaľová, Knut Fleckenstein, Edit Herczog, Zita Gurmai, Franziska Katharina Brantner, Patrizia Toia, Niccolò Rinaldi, Eva Lichtenberger, Katarína Neveďalová, Gesine Meissner, Vladko Todorov Panayotov, Evgeni Kirilov, Sonia Alfano, Viktor Uspaskich, Ramona Nicole Mănescu, Alexander Alvaro, Renate Weber, Jelko Kacin, Adina-Ioana Vălean, Kent Johansson, Cristian Silviu Bușoi, Elisabeth Schroedter, Elisabeth Jeggle, Mariya Nedelcheva, Alexander Graf Lambsdorff, Jürgen Creutzmann, Nadja Hirsch, Minodora Cliveti, Iliana Malinova Iotova, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Csaba Sándor Tabajdi**

Suġġett: L-implimentazzjoni tal-istrategġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju

Il-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2009 stieden lill-Kummissjoni biex sal-aħħar tal-2010 tfassal strategġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju. F'Diċembru 2010 l-Kummissjoni ppubblikat "L-Istrategġija tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tad-Danubju" (COM(2010)0715) u l-pjan ta' azzjoni li jakkumpanja, li jipproponi erba' pilastri li jiffukaw fuq 11-il qasam prijoritarju. Tul l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Istrategġija tal-UE għad-Danubju, il-Parlament kienu sieħeb kostanti u affidabbli u hekk ukoll se jibqa' jkun. Il-Parlament appoġġa l-idea ta' strategġija makroreġjonali għar-reġjun tad-Danubju, adotta żewġ riżoluzzjonijiet<sup>1</sup> u ppropona u adotta l-azzjoni preparatorja intitolata "id-definizzjoni tal-mudell ta' Governanza għar-Reġjun tad-Danubju - koordinazzjoni aħjar u effettiva". Barra minn hekk, permezz tal-Forum tad-Danubju tal-MEPs, il-Parlament Ewropew wera l-appoġġ tiegħu għall-approċċ bottom-up billi pprova forum ta' skambju ta' fehmiet bejn il-partijiet interessati mir-reġjuni u fil-kisba ta' informazzjoni dwar din l-istrategġija makroreġjonali.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' Frar 2011<sup>2</sup>, il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-ħtieġa li titwettaq analiżi interim tal-implimentazzjoni tal-Istrategġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju (EUSDR), biex tħejji strumenti u kriterji konkreti biex tevalwa l-proġetti abbażi ta' indikaturi li jippermettu li jsiru paraguni.

Aħna tlabna lill-Kummissjoni tanalizza l-ewwel riżultati u tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-EUSDR.

F'dan ir-rigward, nixtiequ nistiednu lill-Kummissjoni tgħarraf lill-Parlament dwar l-istatus tal-implimentazzjoni u l-aġġornar tal-Istrategġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju.

Liema miżuri biħsiebha tiegħu l-Kummissjoni biex tiffaċilita aktar, ittejjeb u tħaffef l-implimentazzjoni tal-Istrategġija tal-UE għad-Danubju? Tista' l-Kummissjoni tgħarraf lill-Parlament Ewropew dwar l-istatus tal-ħidma u dwar l-aħħar kisbiet tal-gruppi ta' tmexxija tal-EUSDR?

Tista' l-Kummissjoni tispjega lill-Parlament kif il-fondi strutturali għenu fl-implimentazzjoni tal-proġetti fir-reġjun tad-Danubju u kemm għad hemm fondi disponibbli mill-Fondi Strutturali għar-reġjun tad-Danubju?

Tista' l-Kummissjoni tispjega kif il-Parlament biħsiebu jgħin lill-Istati Membri jirriflettu aħjar il-proġetti ewlenin tal-EUSDR fil-programmi operazzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali għall-perjodu finanzjarju 2014-2020?

Imressqa: 26.6.2012

Mgħoddija: 28.6.2012

<sup>1</sup> P7\_TA-PROV(2010)0008 and P7\_TA(2011)0065.

<sup>2</sup> P7\_TA(2011)0065.

L-iskadenza għat-tweġiba: 5.7.2012